MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2012

Appell Kriminali Numru. 63/2011

**Il-Pulizija**
**(Spt. Robert Vella)**
**Vs**
**Rennie Azzopardi**

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellat [detentur ta’ karta tal-identita` numru 559877M] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali talli nhar il-21 ta’ Mejju, 2010 u t-22 ta’ Mejju, 2010 u fix-xhur ta’ qabel f’dawn il-Gżejjer Maltin :

1. bi ksur ta’ l-artikolu 85(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, fixkel lil Joseph u Antonia Camilleri Fava fil-pussess ta’ ħwejjiġhom jew b’xi mod ieħor kontra l-liġi indaħal fi ħwejjiġhom;

2. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi għamel vjolazzjoni kontra l-propjeta` tal-imsemmija Joseph u Antonia Camilleri Fava u dan bi ksur ta' l-artikolu 340(d) tal-Kap. 9;

3. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ġab ruħu b'mod li ta fastidju lil Joseph u Antonia Camilleri Fava b'mod li kien jaf jew li messu kien jaf li dan l-aġir kien ta' fastidju għalihom u/jew bl-imġiba tiegħu kkaġuna lilhom biża' li se tintuża vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta` tagħhom Kap. 9 Art. 251A/Kap. 9 Art. 251B;
4. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi bena forn jew forġa ma' ħajt ta' bejn il-fondi tal-istess Rennie Azzopardi u Joseph u Antonia Camilleri

Rat is-sentenza tas-26 ta' Jannar 2011 li fiha l-Qorti tal-Maġistrati, wara li rat la-rtikoli 85(1), 251(a), 251B l-artikolu 340(d) tal-Kap 9 u l-artikolu 128 (a0 tal-Kap 10 tal-Liġijiet ta' Malta illiberat lill-imputat mill-ewwel u mit-tielet akkuża filwaqt li ddikjarat it-tieni u t-tielet akkużi bħala preskritti u konsegwentement asteniet milli tieħu konjizzjoni tagħhom.

Rat l-appell tal-Avukat Ġenerali intavolat fl-14 ta' Frar 2011 fejn, skont l-Avukat Ġenerali, il-Qorti tal-Maġistrati fis-sentenza tas-26 ta' Jannar 2010 hawnhekk imsemmija kienet għamlet enunzjazzjoni żbaljata jew inkompleta tal-ipotesi tal-liġi u li għaldaqstant kien qed jinterponi applell ai termini tal-artikolu 413(1)(b)(iv)(i) tal-Kap 9.

L-Avukat Ġenerali iddikjara li dan l-appell jikkonċerna biss il-ħelsien tal-appellat mill-ewwel akkuża miġjuba kontrih.

L-Avukat Ġenerali elenka l-elementi tar-ragion fattasi a termini tal-artikolu 85 tal-Kap 9 u ssottometta li kull wieħed minn dawn l-elementi huwa soddisfatt bil-provi miġjuba mill-Proekuzzjoni. Il-kwerelanti huma s-sidien tal-propjeta' in kwistjoni, l-appellat ppretenda li kellu dritt li jiżbogħ dik il-parti tal-proprjeta' tal-kwerelanti, li l-appellat kellu x-xjenza li qed jieħu b'idejh dak li suppost jieħu tramite l-

proċess elgali, l-appellat ma kelluebda dritt effettiv li jiżbogħ dik il-parti tal-faċċata tal-kwerelanti.

L-Avukat Ġenerali talab riforma tas-sentenza li għaliha diġa' saret referenza billi tikkonfermha il-liberatorja mit-tieni u sar-raba' akkuża filwaqt li tħassarha u tirrevokha fil-bqija, issib lill-appellat ħati tal-ewwel akkuża dedotta kontra tiegħu u tinfliġġi piena skont il-Liġi.

Ikkonsidrat

Li dan l-appell huwa limitat għall-ewwel imputazzjoni li skont l-artikolu 85 tal-Kap 9 għandha piena ta' priġunerija minn xahar sa tliet xhur.

L-artikolu l-ieħor imsemmi fl-ewwel imputazzjoni – l-artikolu 340(d) tal-Kap 9 huwa kontravenzjonali waqt li l-artikoli 251A u 251B tal-Kap 9 għandhom pieni ta' tliet xhur u sitt xhur rispettivament.

L-artikolu 128 (a) jaqa' taħt il-Kap 10.

Ġaladarba dan l-appell huwa wieħed tal-Avukat Ġenerali taħt l-artikolu 413(1)(iv)(i), tal-Kap 9 il-Qorti tal-Maġistrati trid tkun tassew għamlet enunzjazzjoni żbaljata tal-Liġi.

Hawnhekk il-Qorti sejra tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija minn din l-istess Qorti diversament preseduta fit-18 ta' Ġunju 2001 ( Il-Pulizija vs Anthony Sammut) fejn intqal dan li ġej:

*'L-appellant Avukat Generali jikkontendi li l-ewwel qorti, fis-sentenza tagħha, għamlet enunċjazzjoni żbaljata jew inkompleta ta' l-ipotesi tal-liġi in tema tar-reat ta' ragion fattasi. Issa, kullma qalet l-ewwel qorti fis-sentenza taghha (wara li rrepetiet l-imputazzjoni u qalet li kienet semghet il-provi) kien hekk:*

*"L-allegazzjoni tal-kwerelant hija li l-passagg kien pubbliku izda ma saret ebda prova sodisfacenti li dan huwa prima facie l-istat ta' fatt. Ghaldaqstant ma ssibux hati u tilliberah."*

*Frankament din il-Qorti ma tara, f'dawn il-ftit kelmiet, ebda enuncjazzjoni zbaljata jew inkompleta tal-ligi kif qed jippretendi l-appellant Avukat Generali. Kullma qed tghid l-ewwel qorti huwa semplicement li dak allegat mill-kwerelant – li l-passagg in kwistjoni kien wiehed pubbliku – ma jirrisultax pruvat. Huwa veru li biex jikkonkorru l-estremi tar-reat ta' ragion fattasi ma hux mehtieg li persuna tigi mfixkla fid-dritt ta' passagg taghha minn passagg pubbliku; il-passagg jista' jkun wiehed privat (fis-sens li ma hemmx liberu*
*access ghall-pubbliku in generali) izda xorta wahda l-kwerelant ikun gie mfixkel fid-dritt tieghu ta' passagg. Pero` jekk id-dritt ta' passagg pretiz ikun qed jigi reklamat in forza tal-fatt li l-passagg huwa wiehed pubbliku (cioe` miftugh ghal kulhadd), in-nuqqas ta' prova ta' dan il-fatt tista' legittimamant twassal lill-ewwel qorti biex tillibera. Kif inhu risaput, biex l-Avukat Generali jkollu dritt ta' appell skond id-disposizzjoni ta' l-Artikolu 413(1)(b)(iv)(i) tal-Kodici Kriminali, kif din id-disposizzjoni giet dejjem interpretata minn din il-Qorti, l-enuncjazzjoni zbaljata jew inkompleta tal-ligi – l-error juris – trid tirrizulta car mis-sentenza jew minn xi verbal registrat, u mhux tkun ibbazata fuq supposizzjonijiet jew kongetturi maghmula mill-Avukat Generali. Kif inhu risaput ukoll, in-nuqqas ta' dritt ta' appell ta' l-Avukat Generali huwa sollevabbli minn din il-Qorti ex officio; u din il-Qorti qegħda hekk tissolleva l-irritwalita`u l-konsegwenti nullita` tar-rikors ta' appell odjern. Ma hemmx ghalfejn, ghalhekk, li din il-Qorti tidhol biex tezamina id-deposizzjonijiet tat-tliet xhieda moghtija quddiemha.*

*Għall-motivi premessi, tiddikjara l-appell ta' l-Avukat Generali irritu u null, u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tiegħu.'*

X'qalet il-Qorti tal-Maġistrati fid-deċiżjoni tagħha dwar l-ewwel imputazzjoni:

**<u>'Illi mill-provi prodotti jirriżulta li l-imputat kien qed jopera u jaħdem taħt is-superviżjoni tal-perit tiegħu li qallu li l-ħajt divizorju fejn hu żeba' bil-blu jappartjeni</u>**

**lilu u għalhekk żgur ma jirriżultax l-element li l-imputat ried ifixkel lill-kwerelanti f'xi dritt li għandhom, u lanqas ma jirriżulta li effettivament l-imputat qabad u għamel di pivato braccio dak li messu rrekorra għal Qorti biex jagħmel, għalhekk dan ir-reat ta' ragion fattasi ma jirriżultax. Dan pero' qed jingħad bla preġudizzju għal kwalunkwe dritt ċivili li għandhom il-kwerelanti fil-konfront tal-imputat. Għalhekk tiddikjara li l-ewwel akkuża mhix provata.'**

Il-Qorti jidher li eżaminat żewġ elementi tar-reat taħt l-artikolu 85 tal-Kap 9 u sabet li dawn mhux soddisfatti meta suppost li **l-erba' elementi jkunu ippruvati**. (Ara: Il-Pulizija verus Lungaro tal-15 ta' Novembru, 1996:

*'Att estern li jispolja lil xi haddiehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun esegwi kontra l-opposizzjoni, espressa jew prezunta, ta' dan il-haddiehor; (2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt; (3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel di privato braccio dak li jmissu jsir premezz ta' l-awtorita' pubblika (jew, fi kliem il-Crivellari la persuasione di fare da se' cio' che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato; u (4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi.*

*Biex ikun hemm ir-reat ta' ragion fattasi jridu jikkonkorru l-elementi kollha tieghu.'*

Iżda apparti dan kollu, fil-fehma ta' din il-Qorti l-Qorti tal-Maġistrati ma kienet qed tagħmel ebda enunzazjoni żbaljata tal-Liġi iżda wiżnet żewġ elementi u sabet li mhumiex ippruvati. Imkien fil-paragrafu tas-sentenza kkwotat verbatim ma jdiher li l-Qorti qed tagħmel xi enunzjazzjoni tal-Liġi.

Il-Qorti qed iżżid ma' dan li l-appell tal-Avukat Ġenerali lanqas ma seta' jsir taħt is-subinċiż (2) tal-artikolu 413 tal-Kap 9.

Għaldaqstant din il-Qorti qed timxi mal-ġurisprudenza kkwotata aktar 'il fuq, qegħda tissolleva l-irritwalita' u l-konsegwenti nullita' tar-rikors tal-appell odjern. Ma hemmx għalfejn għalhekk li din il-Qorti teżamina id-depożizzjoni tax-xhieda mogħtija quddiemha.

Għall-mottivi premessi tiddikjara l-appell tal-Avukat Ġenerali irrit u null u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------